MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 122/2009

Kawza fil-lista: 34

**A B C**
**vs**
**A D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti zzewwget lill-konvenut civilment fis-sittax (16) ta’ Ottubru 2000, u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;

Illi l-kunsens tal-esponenti kien ivvizzjat peress li kien inkiseb bi zball fuq l-identita’ ta’ zewgha l-intimat;

Illi l-kunsens tal-esponenti inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress illi huwa kellu difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-intimat li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U peress illi l-kunsens tal-esponenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kienet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghal futur;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1)(b), (c), (d), u (g) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimat fis-sittax (16) ta' Ottubru 2000 huwa null u bla effett fil-Ligi u dana ai termini ta' dak dispost fl-Att XXXVII ta' l-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt biex jixhed ghas-subizzjoni.

Rat li fl-udjenza tat-23 Gunju 2009, il-konvenut iddikjara li "jaqbel li z-zwieg huwa null."

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili

taghha kuntrattat mal-konvenut fis-16 ta’ Ottubru 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [b][c][d] u [g] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Marokkina llum Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin Malti, bir-rit muzulman, u fis-16 ta’ Ottubru 2000 bir-rit civili, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tmien [8] xhur li erba’ xhur minnhom l-attrici kienet qatghat barra minn Malta.

F’ dak iz-zmien l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut kellu 38 sena. Il-konvenut kien mizzewweg qabel, izda kien gab id-divorzju l-Ingilterra.

Illi wara konvivenza matrimonjali ta’ circa tmien [8] snin, il-partijiet id-divorzjaw bir-rit muzulman fis-16 ta’ Marzu 2009, u llum il-konvenut ghandu mara ohra.

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel fil-21 ta’ Settembru 2002.

Jirrizulta li wara d-divorzju, il-konvenut, li jahdem bhala barman gewwa Paceville, iltaqa’ ma’ l-attrici u tant ried li jkun maghha li kien accetta li jaqleb ir-religjon tieghu, minn dik kattolika ghal dik musulmana, u dana peress li l-attrici kienet insistiet li biex taccetta li tizzewwgu ried jaqleb ghar-religjon taghha u jghix skurpolozament fid-dettami ta’ din ir-religjoni. Huwa accetta, u l-partijiet izzewwgu bir-rit muzulman wara ftit li kienu ilhom jafu lil xulxin.

Illi l-inkwiet beda meta l-konvenut hass li ma setghax jibqa’ jghix f’ dak ir-regim impost mir-religjon li mponiet fuqu l-attrici bhala kondizzjoni ghaz-zwieg; u beda jhossu ssikat hafna, tant li eventwalment sab mara ohra u telaq lill-attrici.

Minn naha taghha l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma kienx jaghti kaz tal-familja tieghu, u ghalhekk kien ikollha taghmel kollox hi, ghax il-konvenut ma kien jerfa’

responsabbilita' ta' xejn. Kienet thossha mhux mizzewwga. Tghid li kien idum Paceville sas-sieghat bikrin ta' filghodu u jirritorna lura d-dar bid-drink fuqu. Il-konvenut da parti tieghu jghid li hu kien jahdem ta' barman u ghalhekk bilfors kellu jdum sa dawk il-hinijiet; izda jaccetta li meta kienu jibdew jbattu n-nies mill-hanut huwa kien jixrob.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li z-zewg partijiet ma kienux preparati ghal dan iz-zwieg, u, apparti milli ma kienux jafu lil xulxin sew, huma ma apprezzewx l-import tal-hajja konjugali bejn persuni gejjin minn kulturi differenti, *multo magis* meta parti riedet li timponi r-regim tar-religjon taghha fuq il-konjugi l-iehor. Minn naha tieghu l-konvenut ma fehemx il-konsegwenzi tad-dikjarazzjoni tieghu li jbiddel ir-religjon tieghu ghal religjoni forsi aktar stretta u rigida fl-applikazzjoni taghha. Rizultat ta' dan, il-partijiet ma kienux kapaci jibnu bejniethom "a community of life and love."

Ghaldaqstant f' dan il-kaz il-qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Ottubru 2000.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------